

Abbozz 14 ta' Settembru 2023

Att

dwar l-emendar tal-Artikolu 17 tal-Att dwar l-Alkoħol

Permezz ta' deċiżjoni tal-Parlament,
l-Artikolu 17, is-subartikolu 1 tal-Att dwar l-Alkoħol (1102/2017) huwa *emendat* kif ġej:

Artikolu 17

Liċenzja għall-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku u rekwiżiti għall-għoti tagħha

Il-liċenzja għall-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku iffermentat li fih sa 8.0 fil-mija ta' alkoħol etiliku skont il-volum, u xorb alkoħoliku prodott b'metodi oħra u li ma jaqbiżx 5.5 fil-mija skont il-volum, tapplika għall-bejgħ bl-imnut f'post wieħed tal-bejgħ u l-liċenzja tingħata lil:

(1) applikant li jbigħ għażla diversa ta' prodotti tal-ikel għall-użu ta' kuljum f'bini skont it-tifsira tal-Att dwar l-Użu tal-Art u l-Bini (132/1999), jekk is-sehem tal-bejgħ ta' xorb alkoħoliku mill-attivitajiet kummerċjali totali ma jkunx konsiderevolment akbar mis-sehem tal-bejgħ ta' prodotti oħra tal-ikel mibjugħa;

(2) applikant li jopera negozju skont it-tifsira tas-subartikolu 1 minn trakk jew dgħajsa għall-bejgħ li jimxu fuq rotta regolari f'reġjuni b'residenti permanenti jew staġjonali u r-rotta hija approvata minn awtorità tal-liċenzji;

(3) applikant b'liċenzja sabiex iservi l-alkoħol għall-bejgħ bl-imnut tax-xarbiet alkoħoliċi moqdiya taħt il-liċenzja tas-servizz; madankollu, liċenzja ta' bejgħ bl-imnut tista' tingħata biss lil applikant b'liċenzja temporanja sabiex iservi l-alkoħol jew li jopera f'żona liċenzjata sabiex iservi l-alkoħol skont it-tifsira tal-Artikolu 20 għal avvenimenti fejn diversi produttori ta' xorb alkoħoliku jippreżentaw il-prodotti tagħhom lill-konsumaturi;

(4) applikant b'liċenzja tal-produzzjoni għall-bejgħ bl-imnut fil-post tal-produzzjoni.

Dan l-Att jidhul fis-seħħ fi [jum] [xahar] 20.... .

Il-liċenzji tal-bejgħ bl-imnut maħruġa qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att skont l-Artikolu 17, is-subartikolu 1 japplikaw għax-xorb alkoħoliku msemmi hawnhekk wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

Ħelsinki [jum] [xahar] 202...

Il-Prim Ministru

Petteri Orpo

Il-Ministru tas-Sigurtà Soċjali Sanni Grahn-Laasonen